# Regolament dwar Prodotti Aggregati ta' Investiment għall-Konsumaturi bbażati fuq l-Assigurazzjoni (“PRIIP”) – Dokument bl-Informazzjoni Ewlenija (“KID”): Opzjonijiet Long Put tal-London Metal Exchange

## Għan

Dan id-dokument jagħtik informazzjoni ewlenija dwar dan il-prodott ta’ investiment. Mhuwiex materjal ta’ kummerċjalizzazzjoni. L-informazzjoni hija meħtieġa bil-liġi biex tgħinek tifhem in-natura, ir-riskji, l-ispejjeż, il-gwadann jew it-telf potenzjali ta’ dan il-prodott u biex tgħinek tqabblu ma’ prodotti oħrajn.

## Prodott

**Prodott kopert minn dan il-KID:** Kuntratti tal-Opzjonijiet Long Put disponibbli għal negozjar fil-London Metal Exchange. Lista sħiħa tan-numri internazzjonali għall-identifikazzjoni tat-titoli għall-prodotti koperti minn dan il-KID hija disponibbli fuq is-sit tal-web tal-ESMA hawn:
https://registers.esma.europa.eu/publication/searchRegister?core=esma_registers_firds_files
**Isem tal-manifattur tal-prodott:** London Metal Exchange
**Sit tal-web tal-manifattur tal-prodott:** www.lme.com
**Aktar informazzjoni:** Ċempel 0207 113 8888 (Tim tal-Ġestjoni tar- Relazzjonijiet) għal aktar informazzjoni
**Awtorità Kompetenti:** Financial Conduct Authority (www.fca.org.uk)
**Data tal-produzzjoni tal-KID:** 24.01.2020

**Se tixtri prodott li mhux sempliċi u jista’ jkun diffiċli biex tifhmu**

## X’inhu dan il-prodott?

**Tip:** Kuntratti tal-Opzjonijiet Long Put (bil-metall bħala l-assi sottostanti tagħhom)
**Objettivi:** Dan huwa kuntratt derivattiv fejn inti taqbel li tixtri minn kontroparti kuntratt li jagħtik id-dritt, iżda mhux l-obbligu, li tbigħ lill-kontroparti tiegħek: intitolament għal metall f’data futura (b’relazzjoni mal-Kuntratti tal-Opzjonijiet li jeżerċitaw f’Kuntratt tal-Futuri sottostanti li jingħata fiżikament); jew esponiment għall-prezz tal-metall sottostanti rilevanti (għal Kuntratti tal-Opzjonijiet imħallsin bi flus kontanti). Il-valur tal-Kuntratt tal-Opzjonijiet se jkun marbut mal-prezz tal-metall sottostanti – ara “Xenarji tal-Prestazzjoni” għal aktar informazzjoni.
**Investitur maħsub fil-livell tal-konsumatur:** Dan il-prodott mhux intenzjonat għal investituri fil-livell tal-konsumatur, li jfisser li l-ħtiġijiet tal-investituri fil-livell tal-konsumatur u kunsiderazzjonijiet rilevanti għalihom ma ġewx megjusa fit-tfassil ta’ dan il-prodott.

## X’inhuma r-riskji u x’nista’ niggwadanja?

**Indikatur tar-Riskju** –

Dan il-prodott huwa kklassifikat bħala **7 minn 7** abbażi taċ-ċart tar-riskju t’hawn taħt.




Is-sommarju tal-indikatur tar-riskju huwa gwida għal-livell ta' riskju ta' dan il-prodott meta mqabbel ma' prodotti oħra. Dan juri kemm hi l-probabbiltà li l-prodott jitlef il-flus minħabba ċaqliq fis-swieq jew minħabba li l-kontroparti għall-kuntratt ma jistax iħallsek.

Ikklassifikajna dan il-prodott bħala **7 minn 7**, jiġifieri l-ogħla klassi tar-riskju. Ikklassifikajna dan il-prodott bħala 7 minn 7 minħabba li dan il-prodott huwa kumpless, u hemm riskju li inti tista’ titlef konsiderevolment aktar flus milli investejt. Din tikklassifika t-telf potenzjali mill-prestazzjoni fil-ġejjieni f’livell għoli ħafna u kundizzjonijiet tas-suq ħżiena li wisq probabbli jagħmlu impatt fuq il-kapaċità tal-kontroparti tiegħek li jħallsek.

**Oqgħod attent għar-riskju tal-munita. Tista' tirċievi pagamenti f'munita differenti għalhekk ir-redditu finali li tirċievi se jiddependi fuq ir-rata tal-kambju bejn iż-żewġ muniti. Dan ir-riskju mhux ikkunsidrat fl-indikatur muri hawn fuq.**

**Dan il-prodott ma jinkludix protezzjoni mill-prestazzjoni futura tas-suq, għalhekk tista' titlef l-investiment kollu tiegħek, jew parti minnu.**

**Xenarji tal-Prestazzjoni -**

Il-graff tassumi pożizzjoni long put bi prezz tal-eżerċitar ta' USD $2,000 mixtrija għal USD $200.

Il-graff tippreżenta firxa ta' riżultati possibbli u mhijiex indikazzjoni eżatta ta' dak li tista' tirċievi lura. Dak li tirċievi se jvarja skont kif jiżviluppa s-sottostanti. Il-graff turi x'jista' jkun il-profitt jew it-telf tal-prodott għal kull valur tas-sottostanti. L-assi orizzontali juri l-prezzijiet differenti possibbli tal-valur sottostanti fid-data tal-iskadenza u l-assi vertikali juri l-profitt jew it-telf.

Jekk tixtri dan il-prodott (jiġifieri tixtri opzjoni put) jindika li inti taħseb li l-prezz sottostanti jista' jiżdied jew jonqos.

It-telf massimu tiegħek mill-prodott ikun jiddependi fuq iċ-ċaqliq tal-prezz tal-metall sottostanti. Dan jiddependi fuq iċ-ċaqliq tal-prezzijiet fis-suq tal-metalli. Għal kuntratti elenkati fuq l-LME, ma hemm ebda limitu kuntrattwali għat-telf li tista' ġġarrab b'dan il-prodott. Il-kuntratt mas-sensar tiegħek jista' jinkludi limitazzjoni kuntrattwali dwar it-telf massimu tiegħek, iżda din hija kwistjoni li trid tiġi kkonfermata mas-sensar li biegħlek il-prodott.

Iċ-ċifri murija jinkludu l-ispejjeż kollha tal-prodott innifsu, iżda jistgħu ma jinkludux l-ispejjeż kollha li tħallas lill-konsulent jew lid-distributur tiegħek. Iċ-ċifri ma jieħdux in kunsiderazzjoni is-sitwazzjoni tat-taxxa personali tiegħek, li tista' wkoll taffettwa kemm tirċievi.

Il-graff t'hawn taħt turi kif jista' jmur l-investiment tiegħek. Inti tista' tqabbilha mal-graffs tal-gwadann ta' derivattivi oħra.




## X'jiġri jekk il-London Metal Exchange ma tkunx tista' tħallas?

Il-London Metal Exchange hija operatur fis-suq u ma tkunx kontroparti fin-negozju tiegħek. Int tista' tħabbat wiċċek ma' telf finanzjarju minħabba l-inadempjenza tal-kontroparti tan-negozju tiegħek (li jista' jkun is-sensar tiegħek). Kellem lis-sensar tiegħek għal aktar informazzjoni, inkluż jekk ikunx possibbli li tikklejmja taħt kwalunkwe skema ta' kumpens għall-investituri fil-każ ta' inadempjenza tas-sensar tiegħek. Nissuġġerixxu li tkellem lis-sensar tiegħek biex tikkonferma liema arranġamenti jistgħu japplikaw fil-każ tal-inadempjenza tagħhom u l-opzjonijiet potenzjali għall-mitigazzjoni tar-riskji tat-telf tiegħek f'ċirkostanzi bħal dawn.

## X’inhuma l-ispejjeż?

Il-London Metal Exchange ma tiċċarġjax direttament lill-klijenti fil-livell tal-konsumatur. Il-persuna li qiegħda tbiegħlek jew toffrilek konsulenza dwar dan il-prodott (is-sensar tiegħek) tista’ tiċċarġjak spejjeż oħra. Jekk dan huwa minnu, din il-persuna trid tagħtik l-informazzjoni dwar dawn l-ispejjeż, u turik l-impatt li l-ispejjeż kollha ser ikollhom fuq l-investiment tiegħek maż-żmien. Fl-interess tat-trasparenza, tista’ ssib id-dettalji tat-tariffi tan-negozjar u tal-ikklerjar li s-sensar tiegħek iħallas meta jinnegozja fil-London Metal Exchange hawn: https://www.lme.com/Trading/Access-the-market/Fees#tabIndex=0.

## Għal kemm żmien għandi nżommu u nista’ nieħu l-flus qabel?

**Perjodu ta’ parteċipazzjoni rakkomandat:** Ma hemm l-ebda perjodu ta’ parteċipazzjoni rakkomandat jew minimu: Il-prodotti tal-London Metal Exchange għandhom firxa ta’ dati li minnhom tista’ tagħżel għall-iskadenza tal-Kuntratt tal-Opzjonijiet tiegħek. Jekk jogħġbok kellem lis-sensar tiegħek għal aktar informazzjoni.

## Kif nista’ nressaq ilment?

L-ewwel nett nirrakkomandaw li tkellem lis-sensar tiegħek fir-rigward ta’ kwalunkwe ilment. L-ilmenti lill-London Metal Exchange jridu jsiru bil-miktub u, fil-każ li jsir minn kumpanija, irid jiġi ffirmat minn direttur jew uffiċjal ekwivalenti. L-ilmenti għandhom jintbagħtu lil The Complaints Office, London Metal Exchange, 10 Finsbury Square, London, EC2A 1AJ jew bil-posta elettronika lil complaints@lme.com. L-ilment għandu jinkludi biżżejjed informazzjoni sabiex il-London Metal Exchange tkun tista’ tidentifika sew in-negozju(i) jew l-attività li dwarha sar l-ilment u tistabbilixxi l-bażi għal kwalunkwe telf allegat. Id-dettalji tal-proċedura tal-ilmenti tal-London Metal Exchange huma spjegati fl-avviż 19/347 li huwa disponibbli hawn www.lme.com.

## Informazzjoni rilevanti oħra

Għal aktar dettalji dwar is-suq tagħna, il-ktieb tar-regoli tagħna u l-ispeċifikazzjonijiet u l-ikklerjar tal-prodotti, jekk jogħġbok ara www.lme.com jew kellem lis-sensar tiegħek.